# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 707

**KAZ NRU. 895**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Nadia Vella

u

Adventure Camping and Leisure Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 16 ta' April 1996

**Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni**

## 1. DAHLA

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 17 ta' jannar 1995, riferenza ME/4/95 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

## 2. RAPPREZENTANZA

2.1 L-appellanti kienet irrapprezentata mill-avukat Keith Bonnici LL.D.

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-sur Silvio Abela mghejjun mill Prokuratur Legali Noel Camilleri.

## 3. LISTA TA' XHIEDA

3.1 Ghall-Kumpanija xehdu l-persuni li jidhru hawn taht : Silvio Abela, Nadia Vella.

3.2 Ghall-appellanti xehdet hi nnifisha.

3.3 Is-sur Joe Bezzina rapprezentant tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig ittella' jixhed mit-Tribunal.

## 4. PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI

4.1 Il-Kumpanija pprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht:

4.1.1 L-istqarrija tal-kaz immarkata Dok 1 li kienet tinkludi lista ta' xhieda u lista ta' dokumenti.

4.1.2 Certifikat mir-Registratur tal-Kumpaniji fid-Dipartiment tal-Kummerc li kien jinkludi taghrif dwar il-Kumpanija.

4.2. L-appellanti pprezentat l-istqarrija tal-kaz li kienet tinkludi erba' appendici - Dok 2.

4.3 It-trattazzjoni finali taz-zewg partijiet saret bil-fomm.

## 5. TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET

5.1 Il-Kumpanija stqarret li :

5.1.1 minhabba li Silvio Abela kien impjegat mal-Gvern "whole time" u ghaldaqstant ma setax imexxi l-kummerc tal-Kumpanija kien kostrett jimpjega lill-

appellanti bhala "salesgirl" b'effett mit-8 ta' Novembru, 1993

5.1.2 f'Settembru tas-sena ta' wara hu rrizenja mill-impjieg tieghu mal-Gvern u beda jiehu l-paga mid-dhul tal-kummerc tal-Kumpanija tieghu

5.1.3 meta rrizultalu li l-qligh mill-kummerc ma kienx qed jaghmel tajjeb bizzejjed ghal hrug taz-zewg pagi hu ha passi biex iwaqqaf il-kummissjoni fuq il-bejgh li kien jaghti lill-appellanti

5.1.4 wara li ghadda aktar zmien u kien kostrett li jittermina l-impjieg ta' l-appellanti u ghamel hekk fid-29 ta' Dicembru 1994 bl-avviz statutorju.

5.2 L-appellanti stqarret li :

5.2.1 hi bdiet tahdem mal-Kumpanija nhar it-8 ta' Novembru 1993 u minbarra l-paga kienet imwieghda kummissjoni fuq il-bejgh ta' 1.5% (wiehed punt hamsa fil-mija)

5.2.2 meta f'Dicembru 1994 talbitu l-hlas tal-kummissjoni fuq il-bejgh li kienet ilha ma tiehu minn Settembru 1994 Silvio Abela gharrafha li ma kienx ser ikompli jhallasha l-kummissjoni

5.2.3 wara li vverifikat id-drittijiet taghha ma' ufficcjali tad-Dipartiment tax-Xoghol hi regghet talbet il-hlas tal-kummissjoni izda Silvio Abela rrifjuta li jhallasha

5.2.4 meta l-ghada li marret lura ghax-xoghol Silvio

Abela gharrafha li kien ser itemmilha l-impjieg b'effett immedjat u ta' avviz ta' gimghatejn u temmilha l-impjieg.

## 6. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

6.1. L-appellanti argumentat li :

6.1.1 galadarba l-ghan ewlieni tal-Kumpanija kien il-bejgh u hi kienet l-unika mpjegata fuq il-bejgh il-kaz ta' "redundancy" ma setax iqum fin-nuqqas tal-waqfien tal-kummerc

6.1.2 wara t-temm ta' l-impjieg taghha, l-kummerc kompla bl-intervent fl-attivita' tal-bejgh ta' Silvio Abela. Dan kollu jsahhah l-argument taghha kontra "redundancy"

6.1.3 minbarra dan, it-temm ta' l-impjieg taghha jmur kontra l-ligi ghaliex hi ma kienitx l-ahhar persuna li ddahhlet fl-impjieg.

6.2 Il-Kumpanija argumentat li :

6.2.1 l-provi juru li Silvio Abela spicca mill-impjieg tieghu "whole time" f'Settembru 1994 u temm l-impjieg ta' l-appellanti f'Dicembru ta' l-istess sena. Dan kollu juri li Silvio Abela ma temmx l-impjieg hesrem izda stenna zmien ragjonevoli sa kemm jara jekk il-kummerc kienx ser jissosteni zewg pagi

6.2.2 kien biss wara li fehem li ma kienx possibbli li jkompli jhallas zewg pagi li ddecieda li jtemm l-

impjieg ta' l-appellanti

6.2.3 ghalkemm il-kummerc kien immexxi minn Kumpanija, din kienet tant zghira li l-provvedimenti tal-ligi dwar min ghandu jintemmlu l-impjieg l-ewwel ma setghux jithaddmu f'dan il-kaz.

7. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

It-Tribunal Industrijali osserva li :

7.1. ir-relazzjoni ta' Silvio Abela mal-Kumpanija ghalkemm wahda ta' mpjegat ma' sid kienet f'kariga ta' Direttur u kienet tinkludi funzjonijiet wisq differenti minn dik ta' persuna li tbiegh biss. L-istess jghodd ghar-relazzjoni ta' Loreto Abela u Antonia Abela

7.2 ghalkemm registrata bhala Labourer ix-xoghol ta' Rosette Cachia kien segretarjali u din kienet fuq bazi part-time

7.3 minhabba f'dan l-impjieg ta' l-appellanti kien l-uniku wiehed fil-klassi taghha, dik ta' "sales person"

7.4 l-impjieg ta' John Xuereb kien ghal zmien definit u m' ghandu ebda rilevanza ghal kaz ghaliex intemm qabel dak ta' l-appellanti

7.5 sad-data ta' l-ahhar seduta tat-Tribunal Industrijali l-appellanti ma gietx sostitwita b'impjegat/a gdid/a.

8. <u>DECIZJONI</u>

It-Tribunal Industrijali ddecieda li :

8.1 it-temm ta' l-impjieg ta' l-appellanti kien ghal raguni ta' "redundancy" u ma sarx bi ksur tal-provvedimenti ta' l-Artiklu 34(4) ta' Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta

8.2 ghall-finijiet tar-regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht il-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta it-Tribunal Industrijali qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-drittijiet fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Anthony DeGiovanni
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU

mrg